*Art 2 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Membru tal-Familja*

*Residenza Ordinarja*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2018

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 835/2014/LSO fl-ismijiet: -**

**Charles Azzopardi (ID: 711739M) flimkien ma' martu Adelina Azzopardi (ID: 130140M), Alfred Azzopardi (ID: 193047M) flimkien ma' martu Lucia Azzopardi (ID: 100152M), Jeffrey Azzopardi (ID: 767652M) flimkien ma' martu Rita Azzopardi (ID: 68352M), Rosaria Maria Azzopardi (ID: 487248M) u Karmen Vella nee' Azzopardi (*Passport No.* 734243) flimkien ma' zewgha Joseph Vella (*Passport No.* 1044332) u b'digriet tas-27 ta' Frar 2018**

**l-atti gew trasfuzi f'isem Noel Vella (numru tal-Passaport MLT 1015714), Claudie Vella (numru tal-Passaport MLT 1075122), Charmaine Vella (numru tal-Passaport MLT 0919309), Joseph Vella (numru tal-Passaport MLT 1044332) minflok il-mejta Karmen Vella**

**vs**

**Publius Zammit (ID: 114468M)**

**Il-Qorti,**

## **<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Charles Azzopardi (ID: 711739M) flimkien ma' martu Adelina Azzopardi (ID: 130140M), Alfred Azzopardi (ID: 193047M) flimkien ma' martu Lucia Azzopardi (ID: 100152M), Jeffrey Azzopardi (ID: 767652M) flimkien ma' martu Rita Azzopardi (ID: 68352M), Rosaria Maria Azzopardi (ID: 487248M) u Karmen Vella nee' Azzopardi (*Passport No*. 734243) flimkien ma' zewgha Joseph Vella (*Passport No.* 1044332) datat 24 ta' Settembru 2014 fejn Jeffrey Azzopardi (ID: 767652M) bil-gurament tieghu kkonferma :

Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond Flat 1, Albert Flats, Giorgio Mitrovich Street, Msida.

Illi l-intimat qed jokkupa l-imsemmi fond u dan minghajr ma ghandu ebda titolu validu fil-ligi.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti qed jinvokaw il-provvedimenti tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinqata' bid-dispensa tas-smigh u dan ghaliex sa fejn jafu r-rikorrenti l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjonijiet x'jaghti fil-konfront tat-talbiet tal-istess rikorrenti ghall-izgumbrament tieghu mill-fond imsemmi, li jidhru hawn iktar l' isfel.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh u dan *ai termini* tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif intqal fuq.

2. Tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond Flat 1, Albert Flats, Giorgio Mitrovich Street, Msida kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2014 fid-9:30am, b' ordni lill-intimat biex jidher f' dik il-gurnarta u jwiegeb ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presejduta inkluz dak tas-26 ta' Frar 2015 (fol 13) meta ssejhet il-kawza dehru Dr Anthony Farrugia ghall-atturi u l-intimat assist minn Dr Leslie Cuschieri, li ghadda ruhu b'

notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smigh tal-kawza. Dr Cuschieri issolleva n-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti u wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet u billi l-intimat huwa prezenti *ai termini* tal-Art 167 *et seq* tal-Kap 12 ikkonsidrat li hemm ragunijiet *prima facie* sabiex jigi awtorizzat jipprezenta risposta guramentata u dan fi zmien ghoxrin gurnata minn dan id-digriet.

Rat ir-risposta guramentata ta' Publius Zammit (K.I. 114468M) datata 27 ta' Frar 2015 (fol 14) fejn espona :

1. Illi preliminarjament tigi eccepita l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti li tisma' dan il-kaz *stante* li t-talbiet attrici kellhom jitressqu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

2. Illi l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, l-aktar ghaliex il-fond Flat 1 St Albert Flats, Triq Giorgio Mitrovich, Msida mertu ta' din il-kawza kien mikri mis-sid Rose Azzopardi lil oht l-intimat Veronica Mupimhidzi, u meta din mietet fl-10 ta' Jannar 1998 l-intimat kien qed jghix maghha f'dan il-fond, u ghalhekk il-kirja relattiva awtomatikament daret fuqu skont il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 07 ta' Mejju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u Jeffrey Azzopardi prezenti. Xehed bil-gurament Jeffrey Azzopardi. Xehed bil-gurament Publius Zammit. Il-konvenut esebixxa kopja ta' ircevuti mill-ktieb tal-kera li ser jigu esebiti Dok PZ1, PZ2 u PZ3 u ghadda wkoll il-ktieb originali tal-ircevuti biex il-Qorti tkun tista' tivverifika l-awtenticita' tal-kopji. Il-Qorti wara li rat l-originali u qabblitu mal-kopji esebiti ikkonfermat li huma kopji tal-original li qed

jigi ritornat lill-konvenut. Gew esebiti certifikat tal-mewt u certifikat tat-twelid li gew immarkati bhala Dok PZ4 u Dok PZ5, kopja ta' cedola Dok PZ6 u kopji mehuda mis-subbasti bhala Dok PZ7. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari. Il-Qorti semghet id-difensuri tal-partijiet jaqblu li din il-kawza tista' tibqa’ ghas-sentenza fuq l-ewwel ecccezzjoni. Thalli l-kawza ghal dan l-iskop ghas-16 ta’ Gunju 2015, fid-9.30am; u l-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Gunju 2015 (fol 28) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Anthony P Farrugia ghall-atturi. Inqrat sentenza *in parte*.

F'dik is-sentenza l-Qorti, wara li kkonsidrat:

*"Ghaldaqstant fuq l-iskorta tal-gurisprudenza premessa, din il-Qorti tikkonsidra li l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi respinta u tordna li l-kawza tkompli fuq il-mertu. Ovvjament jekk jigi ppruvat li l-intimat ghandu titlu lokatizju, din il-Qorti imbaghad ikollha tiddetermina t-talbiet fuq il-mertu skont il-provi prodotti."*

Ghalhekk iddecidiet sabiex "***..... taqta’ u tiddeciedi****, billi* ***tichad*** *l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tordna l-prosegwiment tal-kawza.”*

Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghas-16 ta’ Lulju 2015 fid-9:30am.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti pprezentata *seduta stante* fis-seduta tal-4 ta’ April 2017, a fol 138 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ta' Publius Zammit datata 21 ta' Lulju 2017 a fol 144 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 21 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Anthony Farrugia ghall-atturi, Dr Leslie Cuschieri ghall-konvenuti. Il-partijiet prezenti fl-Awla. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-kawza mid-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2018 fid-9:30am.

Il-Qorti rat ir-rikors datat 27 ta' Novembru 2017; Rat l-atti esebiti; Rat l-artikolu 806 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u laqghet it-talba u ordnat li ssir it-trasfuzzjoni f'isem l-imsemmija werrieta minflok it-testatrici. Ordnat li jsiru d-debiti aggunti fl-atti kull fejn hu mehtieg.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din l-azzjoni, r-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament tal-intimat mill-fond Flat 1, Albert Flats, Giorgio Mitrovich Street, *stante* li qed jikkontendu li l-intimat m'ghandux titolu validu fil-ligi.

Fir-risposta tieghu, l-intimat Publius Zammit eccepixxa li hu qed jokkupa l-post b' titlu validu peress li l-fond kien mikri lil ohtu Veronica Mupimhidzi, u meta din mietet fl-10 ta' Jannar 1998, hu kien qed ighix maghha fl-imsmmi fond.

Gjaladarba giet deciza l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut[1], il-kwistjoni involuta tirrigwarda l-**Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta)**. Ghal precizazzjoni, il-vertenza tikkonsisti fil-kwezit jekk il-konvenut Publius Zammit

[1] Dwar il-kompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti.

ghandux jitqies detentur minghajr titolu tal-fond - dak li qed jippretendu li hu l-kaz ir-rikorrenti - jew, invece, jekk ghandux jitqies “kerrej” fis-sens tad-definizzjoni skont il-precitat dispost tal-ligi - dak li jsostni l-konvenut. Sabiex jigi stabbilit it-titolu tieghu ta’ inkwilin kif ser jirrizulta 'l quddiem, dak li irid jigi determinat hu jekk huwiex "membru tal-familja" u jekk kienx qed joqghod flimkien ma' ohtu l-inkwilina Veronica Mupimhidzi meta mietet fl-10 ta' Jannar 1998, u allura jekk issubentrax fid-drittijiet taghha lokatizji mal-mewt taghha.

**Fatti:**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Jirrizulta li l-imsemmi fond kien mikri lil Veronica Mupimhidzi mis-sid Rose Azzopardi. Jirrizulta wkoll, li f’Mejju 1997, l-intimat hareg mill-Habs u wara li ttenta jabita ma’ martu, mar jirrisjedi ma’ ohtu Veronica fl-imsemmi fond, li kienet marida u kellha hamest itfal taht l-eta'. Mill-provi tal-ufficjal ta’ Identity Malta, rrizulta li l-intimat qaleb l-indirizz fuq il-karta tal-identita` fuq Flat 1, Albert Flats, Giorgio Mitrovich Street, Msida fit-23 ta' Dicembru 1997. In segwitu, fl-10 ta’ Jannar 1998, ohtu mietet, u meta mar biex ikompli jhallas il-kera minflok ohtu, din ma gietx accettata, u ghalhekk iddepozita l-kera l-Qorti permezz ta’ cedoli ta’ depozitu, kif jidher minn dokumenti esebiti a fol 25-27 tal-process.

**Provi:**

**Rita Bihiga**, oht l-intimat xehdet (fol 54-59)[2] u qalet li taf li huha joqghod fil-fond Flat 1, fi Triq Gorg Mitrovich, l-Imsida

[2] Seduta tas-27 ta’ Ottubru 2015.

u ilu joqghod hemm madwar sbatax jew tmintax-il sena, kemm ilu li hareg mill-Habs. Semmiet li meta mar joqghod hemm kien hemm ohtha wkoll toqghod hemm li kellha hamest itfal, li kienet l-inkwilina u li qabel izzewget kien kunjomha Zammit. Qalet li din ohtha kienet mara marida u ghalhekk hi kienet tmur ta' spiss, kwazi kuljum, meta kienet ghadha hajja. Ohtha baqghet tghix hemm sakemm mietet u huha, l-intimat, baqa' jghix hemm ghaliex ma kellux fejn imur joqghod.

In **kontro-ezami** qalet li ohtha damet toqghod f'dak il-fond xi sitt snin sakemm mietet, u huha beda joqghod hemm fl-1997 u li tiftakar d-data billi hija vicin id-data meta mietet ohtha. Qalet ukoll, li meta hareg mill-Habs huha ma kienx jahdem.

**Grace Cachia**, oht l-intimat xehdet (fol 58-59)[3] u qalet li ghandha 57 sena u huwa hu ghaxar snin izghar minnha. Qalet li huha joqghod fi Flat 1, Triq George Mitrovich Msida, u hija tmur ghandu. Qalet li f'dak l-istess fond kienet toqghod ohtha li mietet. Qalet li meta l-intimat mar joqghod ma' ohtu f'dan il-fond kien ighinha peress li kellha hamest itfal. Qalet li l-intimat hareg mill-Habs fl-1997. Qalet li qabel ma' l-intimat mar joqghod fl-imsemmi fond, ma tafx li kellu post alternattiv.

**Publius Zammit** xehed (fol 60-66) u qal li ilu joqghod fl-imsemmi fond ghall-ahhar dsatax-il sena. Spjega li hareg mill-Habs f' Mejju tal-1997, kien dam il-Habs xi sentejn u nofs, u meta hareg mar joqghod f'dan il-fond ma' ohtu Veronica Mupimhizda. Qal li ohtu mietet f' Jannar 1998.

[3] Seduta tas-27 ta' Ottubru 2015.

Spjega li kienet telqet mill-fond tliet gimghat qabel mewtha sabiex ittiehdet l-isptar u mietet hemm. Semma li jaf li ohtu kienet thallas il-kera u wara mewtha hu qabad il-ktieb tal-kera u mar ihallas il-kera, izda din ma gietx accettata minghandu. Hu baqa' jghix fil-fond sal prezent.

In **kontro-ezami** qal, li qabel dahal il-Habs hu kien joqghod ma' martu f'appartament G'mangia, meta dahal il-Habs martu marret toqghod f'post iehor l-Imsida, u twieled ibnu li spicca dejjem joqghod mieghu. Spjega li meta hareg mill-Habs mar joqghod fil-post fejn kienet qed toqghod martu, izda mhux aktar minn gimgha. Semma li ibnu twieled fit-23 ta' Ottubru 1998, ghalhekk ibnu twieled wara l-mewt ta' ohtu. Izda ibnu gie joghod mieghu malli kellu sentejn. Qal li hu ssepara minn ma' martu b'kuntratt bonarju, wara t-twelid ta' binhom. Qal li hu kien jircievi r-*relief* meta hareg mill-Habs, l-ewwel kien jircevih ghand il-post ta' martu fl-Imsida, izda qal li ma ghamilx aktar minn erbat ijiem jghix hemm. Eventwalment dawwar kollox fuq il-fond mikri ghand ohtu u beda jircievi kollox hemm. Qal li ma jafx jindika meta saret din il-bidla.

F'**kontro-ezami** ulterjuri (fol 69-70)[4] ipprezenta l-kuntratt ta' separazzjoni datat it-23 ta' Ottubru 2002. Mistoqsi dwar l-indirizz 2, Matlua Lane, B'Kara li kien l-indirizz li kellu fil-1992, qal li dak kien l-indirizz ta' ohtu Rita. Imbaghad kien jghix f'Gwardamangia ma' martu sakemm dahal il-Habs fis-sena 1995. Wara li dahal fil-Habs martu kienet telqet minn dak l-appartament. Qal li meta hareg mill-Habs l-ewwel mar joqghod ma' martu f'post f'St. Louis Street Msida fejn kellha kamra wahda u mbaghad ma qablux u ma kompliex

[4] Seduta tas-27 ta' Ottubru 2015.

joqghod hemm u mar joqghod ma' ohtu Veronica fl-imsemmi fond. Referut ghaliex biddel l-ID Card fit-23 ta' Dicembru 1997, qal, li diga kien ighix ma' ohtu Veronica, qabel dik id-data, izda ma kienx mar ibiddel l-ID Card immedjatament.

Xehed ulterjorment **in kontro ezami** (fol 79-84)[5] u qal li meta mar joqghod ma' ohtu Veronica kienet diga marida u kellha hames uliedha li kellhom eta' ta' bejn sentejn u 14-il sena. Mistoqsi kienx perjodu ta' tliet xhur li hi ghamlet l-isptar qabel mietet, qal, li ftit anqas. Meta marret l-Isptar baqghet hemm sakemm mietet. Qabel ma mietet qal li t-tfal ta' ohtu tqassmu ma' hutu minhabba li ohtu Veronica kienet marida. Qal li telaq mid-dar fejn kienet toqghod martu ghaliex iz-zwieg kien spicca.

Illi mistoqsi ladarba ibnu twieled fit-23 ta' Ottubru 1998, jekk giex koncepit f'Jannar jew Frar tal-istess sena, ghalkemm hu qed ighid li ma kienx baqa' ighix ma' martu, qal li gieli xi drabi kienu jiltaqghu hu u l-mara. Mistoqsi jekk l-indirizz tal-ID Card qalbux sena wara l-mewt ta' ohtu, qal li ma jaqbilx ma' dan. Meta hareg mill-Habs qalbu ghal fuq St Louis Street Msida u sakemm qaleb il-karta tal-Identita baqa' jircievi c-cekk tar-*relief* f'dak l-indirizz ta' St Louis Street Msida.

**Heleno Galea** rapprezentant tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin xehed (fol 67-68)[6] qal li l-intimat dahal il-Habs fil-21 ta' Mejju 1997, izda ghamel biss gurnata ghax kien diga skonta sentejn Habs biz-zmien li kien ghamel arrestat,

[5] Seduta tat-13 ta' Novembru 2015.
[6] Seduta tat-3 ta' Novembru 2015.

jigifieri mill-1996 sal-1998 kien gewwa l-Habs. Qal li l-ewwel darba li dahal il-Habs fil-1992, l-intimat kellu indirizz go B'Kara, imbaghad fit-30 ta' Lulju 1995 kien registrat fuq indirizz Flat 1, Carmel Flats. Hookham Frere Street, G'Mangia.

**Roberta Grech** rapprezentanta ta' Identity Malta xehdet (fol 89-91)[7] u qalet li min-naha taghhom, l-informazzjoni li tista' taghti hi minn Frar 2014. Hi vverifikat mal-Kummissjoni Elettorali, jidher li l-intimat ilu registrat fl-indirizz St Albert, Flat 1, fi Triq Giorgio Mitrovich Msida mit-23 ta' Dicembru 1997.

**Savio Borg** in rapprezentanza ta' Identity Malta xehed (fol 95-99) u esebixxa kopji mir-Registru Elettorali. Spjega li peress li r-Regstru Elettorali johrog darba kull sitt xhur jekk l-intimat ikun biddel diversi drabi l-indirizz f'dak il-perjodu, ma jkunx jirrizulta.

Xehed ulterjorment (fol 122-125)[8] u esebixxa l-applikazzjoni tal-vot tal-intimat SB1, u SB2, li hi l-applikazzjoni tal-vot minn mindu applika l-intimat. Spjega li f'dan id-dokument hemm diversi indirizzi mhassrin, ghaliex kull darba li jkun sar it-*transfer*. Semma li r-*records* imorru lura sal-1993, u ohra fid-9 ta' Frar 1994, fejn saret bidla ghal Flat 1, Carmel Flats, G'mangia. Spjega li fl-ahhar tal-1997 meta ghamel il-bidla ghal Triq Mitrovich l-Imsida, dan kien jaqa' mal-Gzira, b'hekk minn Dok SB6 jidher li nqata' l-Imsida u saret Gzira, izda minn Dok SB5 jidher li llum dik it-triq taghmel ma' l-Imsida.

[7] Seduta tat-28 ta' Jannar 2016.
[8] Seduta tat-13 ta' Lulju 2016

In **kontro-ezami** qal, li r-*records* jinzammu ghal certu zmien.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt u applikazzjoni ghall-kaz in ezami:**

Illi f'dan il-kaz ma japplikawx l-emendi ntrodotti bl-Att X tal-2009. Minn qari tal-artikolu **1531B**[9] tal-Kodici Civili, ghandhom jibqghu jghoddu ghall-kaz odjern id-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-inkwilina mietet fis-sena 1997 qabel ma dahlet fis-sehh id-disposizzjoni imsemmija (1 ta' Jannar 2010). Isegwi li l-**artikou 1531F tal-Kodici Civili** mhix appikabbli.

Fil-fatti minn dak eccepit mill-intimat, jidher li huwa qed jinvoka l-**artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta)**, u b'hekk qed isostni li jgawdi minn rikonoxximent tal-ligi bhala kerrej.

Illi 'kerrej' hu definit bl-**artikolu 2 (b) tal-Kap 69** li jiddisponi:

"*fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu."*

Illi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża "**Carmelo Agius vs John Agius"** (deċiża fit-2 ta' Dicembru 1994)

[9] *"Ghal kirja li kienet fis-sehh qabel l-1 ta' Gunju, 1995, ghandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, hekk iżda li mill-1 ta' Jannar 2010 għandhom japplikaw l-artikoli 1531C, 1531D, 1531E, 1531F, 1531G, 1531H, 1531I, 1531J u 1531K."*

qalet illi: "*Il-konvenut irid jipprova li: 1. hu kien membru tal-familja; u 2. li hu kien joqgħod mal-inkwlina fiż-żmien tal-mewt tagħha. "*

Ghalhekk, dan l-artikolu jirrikjedi zewg rekwiziti sabiex persuna tikkwalifika bhala kerrej sussegwentement ghall-mewt tal-kerrej originali, meta dan ma jhallix warajh armla jew armel.

1) Ikun membru tal-familja tieghu; u
2) ikun joqghod mieghu meta jmut - Il-ligi ma tipprovdix kemm il-persuna trid tkun ilha tghix mal-inkwilin sabiex tkun tista' tibbenefika mill-protezzjoni li jipprovdi l-Kap. 69.

**"Membru tal-Familja"**

Illi dwar l-ewwel rekwizit, gie sottomess mir-rikorrenti li ma jezisti l-ebda kaz fil-gurisprudenza fejn dan id-dritt gie estiz favur il-kollaterali, u cioe` favur hu jew oht l-inkwilin. Ir-rikorrent issottometta li d-definizzjoni ta' kerrej **fl-artikolu 2 tal-Kap 199 (Att Dwar it-Tigdid tal-Kiri tar-Raba')** ghandha tapplika b'analogija ghal dan l-artikolu tal-Kap 69.

Indubbjament hemm differenza fit-tifsira ta' kerrej taht il-Kap 69 u l-Kap 19 tal-Ligijiet ta' Malta billi skont il-Kap 199 kerrej *"tinkludi kull membru tal-familja..."*filwaqt li '*membru tal-familja' tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, raġel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma terġax tiżżewweġ, tal-kerrej*".

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument sollevat mir-rikorrenti billi l-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta ma jitrattax fondi urbani.

Inoltre, jirrizulta minn ezami tal-gurisprudenza applikabbli li l-artikolu 2 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta inghatat interpretazzjoni wiesgha mill-Qrati taghna.

Fil-kaz **Caruana vs Pulis**, Appell Inferjuri deciz fit-3 ta' Dicembru 1975, inghad:

"….*hekk kif is-semplici parentela mhix bizzejjed biex wehedha u dejjem tirrendi lil dak li jkun membru tal-familja tal-kerrej ghall-finijiet premessi, hekk ukoll il-fatt li wiehed ma jkun imparentat fis-sens strett u formali, mhuwiex wahdu u dejjem sufficjenti biex jeskludih mill-membership tal-familja tal-kerrej….ghax jista' jkun hemm cirkostanzi specjali li jiggustifikawh li jitqies tali mill-bniedem ordinarji."*

Illi kif gie ritenut fil-kaz fl-ismijiet **Wisq Rev. Padre Leone Zammit vs Antonio Farrugia et. (**Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), 13 ta' Gunju 1953 per. On. Imh. W. Harding) : "*Il-Ligi tal-Kera, imbaghad,li taghti dan id-dritt ta' l-inkwilinat lill-membri tal-familja li kienu jghixu ma' l-inkwilin li miet ghandha tigi interpretata mhux restrittivament; u fil-kelma 'familja' ghandu jitqies li jidhol anke n-neputi ta' l-inkwilin li miet...."*

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi dak ritenut fil-gurisprudenza recenti fosthom fil-kaz **Katald Galea vs Denise Galea** (16/2010) AE, Appell Inferjuri deciz fil-21 ta' Ottubru 2016, fejn il-Qorti rriferiet ghall-kazistika applikabbli li wessghet it-tifsira ta' "*membru tal-familja*" sahanistra

f'certi cirkostanzi, sabiex tinkorpora wkoll persuni li ma kienux imparentati mal-inkwilin.[10]

Illi f'dik is-sentenza gie ritenut:

*"b'applikazzjoni tad-Dritt tal-Gustinjan (Novella 118), is-sentenza riportata a Vol.XXXVII P I p 568 ikkomprendiet fit-tifsira tal-kelma "familja", 'dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni[11]… tajjeb li jigi rilevat illi skont kazistika aktar recensjuri gie profess li t-tifsira ta' l-espressjoni "membri tal-familja tal-kerrej ma kellhiex tkun ristretta ghall-konsangwini biss. Intqal a propozitu fis-sentenza* ***'Joseph Caruana -vs- Salvu Pulis'****, Appell Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975: 'hekk kif is-semplici parentela mhix bizzejjed biex waheda u dejjem tirrendi lil dak li jkun membru tal-familja tal-kerrej ghall-finijiet premessi, hekk ukoll il-fatt li wiehed ma jkunx imparentat fis-sens strett u formali mhuwiex wahdu u dejjem sufficjenti biex jeskludih mill-'membership' tal-familja tal-kerrej ghax jista', fil-kazijiet kongruwi u in principju eccezzjonali, ikun hemm cirkostanzi specjali li jiggustifikawh jitqies tali mill-bnedmin ordinarji, u huwa dan it-test li jigi applikat ghall-finijiet tad-disposizzjoni korrispondenti tal-ligi Ingliza li minnha din taghna hi ispirata … Hekk per ezempju hawn Malta f'* ***'Vincent Zammit -vs- Vincent Kerr',*** *Appell Inferjuri, 11 ta' Marzu 1966 gie deciz li l-konvenut li kien ilu snin jghix mal-kerrej, kien isejjahlu 'missier' u n-nies kollha kienu jafuh bhala ibnu, kien jew ma kienx iben naturali tieghu, xorta wahda kellu fic-cirkostanzi*

---

[10] Ara ad ez. **Vincent Zammit vs Vincent Kerr**, Appell Inferjuri, 11 ta' Marzu 1966; u **Joseph Caruana vs Salvu Pulis**; Appell Inferjuri deciz fit-3 ta' Dicembru 1975, **Maria Grima et vs Andrew Eminyan e**t, Appell Inferjuri deciz fit-28 ta' Marzu 2008)

[11] *Vide* **Wisq Rev. Padre Leone Zammit –vs- Antonio Farrugia et,** citat supra.

*jitqies li kien membru tal-familja tieghu ghall-finijiet ta' din il-ligi".*[12]

Illi dan kollu premess, jirrizulta ghal din il-Qorti li l-ewwel rekwizit huwa soddisfatt mill-intimat li ghandu jitqies li huwa *membru tal-familja* ghall-fini tal-**artikolu 2 tal-Kap 69.**

**"Ikun Joqghod Mieghu meta Jmut"*.***

Referibbilment ghat-tieni rekwizit, gie ripetutivament ribadit fil-gurisprudenza, li *"il-ligi bl-artikolu 2 (tal-Kap 69) ma tesigi ebda minimu ta' zmien ta' koabitazzjoni biex membri tal-familja tal-inkwilin ikollhom dritt favur taghhom ghar-rilokazzjoni tal-post lokat, izda trid biss li dawn il-membri 'jkunu joqghodu' mal-inkwilin originali. Fin-nuqqas ta' definizzjoni fil-ligi, il-kelma 'toqghod' trid titqies fis-sinifikat ordinarju taghha, cioe` li wiehed ikun joqghod permanentement fil-post u li wiehed jikkonsidra l-post bhala r-residenza ordinarja u normali tieghu"* (Ara sentenza **Cutajar vs Rapa**, deciza mill-Prim' Awla fis-17 ta' Ottubru 1972).

Jinghad ukoll li l-gurisprudenza tirrikonoxxi li:- "*Ghal finijiet sabiex jigi stabbilit jekk fond huwiex ir-residenza ta' persuna, m'hemmx kriterju wiehed li jista' jigi dikjarat li hu konklussiv. Iridu jitqiesu c-cirkostanzi ta' kull kaz; ".... il-kwistjoni, fl-ahhar mill-ahhar, jekk l-appellat f'dan il-kaz kienx joqghod ma' l-inkwilin fiz-zmien tal-mewt taghha tirriduci ruhha ghal wahda ta' fatt ghax, kif jinsab ritenut, 'ir-residenza mhix 'quid iuris' imma 'quid facti' li tista' tvarja minn kaz ghal kaz skont l-ipotesijiet varjanti u infiniti tal-*

[12] **George Bugeja v Joseph Spiteri**, 10.05.2006, Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

*hajja tal-bniedem. Ghalhekk naturalment, fin-nuqqas ta' definizzjoni statutorja ta' residenza ghall-finijiet ta' l-Artikolu 2, hafna jrid jigi rimess ghall-apprezzament tac-cirkostanzi mill-gudikant."* (**Albert W. Salomone et vs Matthew Degiorgio** deciza fl-10 ta' Jannar 2007 mill-Qorti tal-Appell Inf. per Imh P Sciberras).

Illi *"L-element tar-residenza ġie nterpretat mill-ġurisprudenza tagħna fis-sens li mhux biżżejjed li jkun hemm 'mere physical presence' imma l-post kien 'permanently his ordinary residence' u 'his only residence'.* (**Carmelo Agius vs John Agius** citat *supra;* **Saviour Vella et vs Therese sive Marthese Ebejer**, P.A. – 8 ta' Jannar 2016, kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2017, **Charles Grech et vs Cecil Herbert Jones**, P.A. - 9 ta' Frar 2012).

Madanakollu *"Il-Qorti tghid li l-bniedem jista' jkollu anke ghaxar residenzi, ghalkemm generalment wahda minnhom biss tkun ir-residenza ordinarja tieghu, u mbaghad jista' jkollu r-residenza tal-kampanja, ta' l-ispjagga, tal-muntanja et similia, skont kemm il-fortuna tippermettilu. Il-lum huwa moda anke l-yacht bhala residenza. Imma fl-opinjoni kkunsidrata tal-qorti l-kwistjoni mhix qieghda hawnhekk, izda fl-interess tutelat fl-artikolu 2 tal-Kap. 109*[13]*, li kif intqal fis-sentenzi* ***Cutajar vs Quirolo*** *u* ***Spiteri vs Buhagiar,*** *fuq imsemmija, huwa dak li tinghata protezzjoni lill-parenti tat-'tenant' li junu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt biex huma ma jsibux ruhhom barra t-triq."* (**Dr John Agius vs Marlene Copperstone et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili12 fil-25 ta' Mejju 1966).

[13] Kap 69

Illi l-Qorti ta' l-App (Inf.) fil-kaz fl-ismijiet **Carmen Pace et v Charles Grech -** deciz fit-22 ta' Novembru 2002 irriteniet:

"*Mir-ricerka li ghamlet din il-Qorti sabet li fil-gurisprudenza taghna l-kelma "residenza" giet moghtija sinifikat specjali skont il-kuntest u l-iskop partikolari tal-ligi. Intqal per ezempju li din mhix kelma teknika li ghandha sinifikat kostanti, u allura ghal finijiet differenti wiehed jista' jkollu residenzi differenti fl-istess zmien u, b'riferenza ghal zminijiet differenti matul perijodu, bniedem jista' jkollu anki diversi "residenzi ordinarji"* (Appell Civili, 26 ta' Frar 1962. **John Cachia -vs- Magistrat Dr. Fortunato Mizzi LL.D.)"**

*"Gie imbaghad espress fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Coppini nomine -vs- Joseph Vella Bonnici nomine,** (Appell Civili, 8 ta' Frar 1971 illi "l-kliem "residenza ordinarja" jiddenota residenza f'post b'certu grad ta' kontinwita' apparti assenzi accidentali jew temporanji. Id-durata mhix kriterju esklussiv u necessarjament determinanti. Hu pero' kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza hajtu … In definittiva pero' ebda kriterju wiehed ma hu a priori konklusiv u f'kull kaz iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha". Hekk ghamlet il-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fil-kawza **Emmanuele Gauci -vs- Paolo Borg**, 14 ta' Dicembru 1964, meta irrikonoxxiet illi ghalkemm il-konvenut kellu post iehor zghir tieghu fejn kienu jabitaw martu u uliedu eppure jekk kien jorqod ma' ommu, inkwilina, flimkien ma' zewg uliedu, din is-sistema ta' hajja, kellha fil-fehma ta' dik il-Qorti titqies bhala 'residenza' ghal finijiet tal-Kap 69, billi sostniet ukoll illi l-bzonn li kellu tal-uzu tal-fond ghall-abitazzjoni baqa' jezisti*

*wara l-mewt ta' ommu. Aktar importanti u rilevanti ghall-kaz taghna hi l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti Civili, Prim'Awla, per Imh. Maurice Caruana Curran, fil-kawza fl-ismijiet* ***Dottor John Agius -vs- Marlene mart Dottor Henry Copperstone et****, 25 ta' Mejju 1966. Fiha gie ipprecizat hekk:- "Biex membru tal-familja jista' jitlob b'success il-protezzjoni tal-Kap 109 (illum Kap 69) ir-residenza tieghu mat-'tenant' ma tridx tkun kazwali, jew saltwarja, jew ghal semplici kumdita' ahjar, jew ta' semplici pjacir, jew ispirata minn dik il-htiega ta' kambjament ta' ambjent li anke taghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh, imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghall-bzonn mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga imposta minn necessita."*

Diversi huma l-kriterji li jigu ezaminati sabiex tigi stabbilita r-residenza ordinarja.

Illi gie stabbilit fil-kaz **Katald Galea vs Denise Galea et**, li *"Ir-residenza hi stat ta' fatt li trid tirrizulta mill-provi tal-kaz.*

*Fost l-ohrajn huma relevanti biex tigi ppruvata r-residenza:*

*- l-irqad u mistrieh regolari fil-fond in kwistjoni;*
*- il-fatt li fil-fond oggett tal-kirja jinzammu l-oggetti personali u l-hwejjeg ta' min jippretendi li ghandu residenza;*
*- il-fatt li f'din ir-residenza huwa jghaddi z-zmien liberu tieghu fejn hu jipprattika d-delizzju tieghu u jaghmel ix-xoghol personali tieghu;*
*- il-fond fejn wiehed jippranza;*
*- il-fond fejn wiehed jircievi l-korrispondenza;*

*- il-fond fejn wiehed jilqa' l-hbieb, u fejn hbieb u terzi jistennew li jsibu lil min hu hemm residenti."*

Illi l-oneru tal-prova ta' l-effettiva residenza mal-inkwilin fiż-żmien tal-mewt tiegħu hi fuq dak li jippretendi li hu kerrej skont l-artikolu 2 tal-Kap. 69.

Illi kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "*l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". (**"Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino",** Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "**Paul Vassallo -vs- Carmelo Pace",** Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986)."* **Enrico Camilleri v Martin Borg** (App.Inf. - 17 ta' Marzu 2003).

Illi dwar il-piz li ghandu jinghata lill-provi dokumentarji, gie ritenut fil-kaz, **Katald Galea vs Denise Galea** hekk:

*"Ghalhekk, il-fatt, li persuna jkollha dokumenti li 'prima facie' jattestaw konnessjoni taghha mal-fond, bhal inkluzjoni fir-Registru Elettorali, ir-registrazzjoni tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u mal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig mhumiex prova inkonfutibbli ta' residenza. Huwa pacifiku li r-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista' tkun koroborrattiva, izda mhux necessarjament u dejjem konklussiva."* (Ara wkoll **Calleja vs Ellul**, Qorti tal-Appell - 29 ta' Novembru 1996).

Illi fil-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat ma rnexxielux jipprova sal-grad rikjest bil-ligi li hu stabbilixxa bhala r-residenza li hija permanentement ir-residenza ordinarja tieghu.

Mill-ezami tal-provi din il-Qorti rriskontrat kontradizzjoni fix-xhieda tal-intimat kif ukoll kontrast bejn ix-xhieda tieghu u ta' hutu. Jigi osservat, li l-ewwel verzjoni tal-intimat fix-xhieda tieghu kienet li meta hareg mill-Habs mar joqghod ma’ ohtu Veronica, izda sussegwentement fix-xhieda ulterjuri tieghu in kontro ezami qal li wara li hareg mill-Habs qatta' xi jiem jabita ma’ martu, u meta ra li ma jistax ikompli joqghod maghha mar ghand ohtu Veronica fl-imsemmi fond.

Illi dan hu sinifikattiv ukoll konsiderando l-fatt li l-ewwel qal li telaq lill-martu ghaliex ma setax ikompli maghha mentri in kontro ezami ammetta li gieli xi drabi kienu jiltaqghu. Fil-fatt, irrizulta li kompla fir-relazzjonijiet tieghu ma' martu tant li kkoncepew tifel li twieled ben ghaxar xhur wara l-mewt tal-inkwilina. Dan ifisser li r-relazzjonijiet tieghu ma' martu komplew minn meta hareg mill-Habs kif ukoll tul l-allegat konvivenza tieghu ma' ohtu, l-inkwilina, u anke wara. Difatti jirrizulta li l-koppja Zammit isseparaw legalment sentejn wara l-mewt tal-inkwilina.

Dan hu kkorroborat mill-fatt li l-intimat ma sab l-ebda diffikulta' li jkompli jircievi ic-cekk tal-beneficcji socjali fl-indirizz ta' martu. Hu stess ikkonferma fix-xhieda tieghu li wara li hareg mill-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin hu kien jircieva l-posta u c-cekk tar-*relief* ghand martu, u kien biss meta qaleb it-trasferiment tal-indirizz fuq l-ismemmi fond, u

cioe` fl-ahhar tas-sena tal-1997 li hu beda jircieva l-posta ghand ohtu u mhux aktar ghand martu. Indubbjament, dan jimplika certu relazzjoni ta' fiducja bejnu u martu u li huwa kien ghadu qed jahseb li jista' jerga' jsalva z-zwieg ma' martu, matul dan il-perjodu ta' zmien. Kwindi, difficilment, wiehed jista' jqis li l-imsemmi fond kien dak li huwa kien qed jikkonsidra bhala r-residenza permanenti tieghu.

Illi jirrizulta wkoll li Veronica Mupimhidzi, li kienet armla b'hamest itfal, kienet ilha marida ghal bosta snin. L-intimat jghid li dahal maghha wkoll biex jghinha. Izda jirrizulta li kienet ohtu Rita Bihiga li kienet tmur kuljum biex iddur maghha, u uliedha tqassmu mal-ahwa l-ohra wara li ddahhlet l-Isptar.

Fil-kaz diga sucitat **Maria Grima et vs Andrew sive Andy Eminyan**, App Inf. deciz fit-28 ta' Marzu 2008, inghad:

"*Naturalment hi dejjem haga luzingevoli li wiehed jiehu hsieb tal-genituri anzjani……B'danakollu, mhux mistenni imbaghad u lanqas lecitu li wiehed japprofitta ruhu minn dawn il-prestazzjonijiet u assistenzi biex itellaghhom ghal-livell ta' dik it-tutela guridika li hu jippretendi li ghandu meta l-fatti, fl-assjem taghhom, ma jissufragawx dan, u dawn ma jwasslux biex ikun konvincevolment accertat u stabbilit illi l-appellant jimmerita li jkun klassifikat bhala 'kerrej' fit-termini tad-definizzjoni tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 69 relattiv ghal 'dar ta' abitazzjoni."* [14]

[14] *Vide* wkoll **Dr Charles Galea Noe vs Franca Pia Di Donna** - Appell Inferjuri deciza fis-17 ta' Marzu 2003

Illi l-intimat l-ewwel xehed li ohtu kienet marret l-Isptar xi tliet gimghat qabel ma mietet, imbaghad in kontro-ezami qal li ohtu kienet marret l-Isptar xi ftit inqas minn tlett xhur[15] qabel ma mietet. Ma ressaq l-ebda prova dwar dan u lanqas ta dettalji dwar kif organizza hajtu meta kien allegatament qed jghix ma' ohtu. Din il-prova kienet tinkombi fuqu.

Jirrizulta li biddel l-indirizz tieghu ghall-fini tal-Karta tal-Identita fit-23 ta' Dicembru 1997 filwaqt li ohtu mietet l-Isptar fl-10 ta' Jannar 1998. Kien ghalhekk li r-rikorrenti issottomettew fin-nota taghhom li "*l-inkwilin ha l-okkazzjoni biex jipprova jiehu vantagg mis-sitwazzjoni*".

Illi dan premess jirrizulta mill-assjem tal-provi, li l-hajja tal-intimat ma kinitx organizzata b'mod fiss peress li wara l-hrug mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, lanqas jirrizulta ppruvat li hu hassar minn martu u li stabbilixxa l-appartament bhala l-"*permanent ordinary residence"* tieghu.

Ir-rikorrenti jakkampaw fuq l-intenzjoni tal-intimat li jirrikoncilja ma' martu. Difatti jsostnu li l-intimat ma kienx ittermina r-relazzjoni li kellu ma' martu kif korroborat mill-fatt inkonfutabbli li hu u martu kellhom tarbija li twieled f'Ottubru 1998, ghaxar xhur wara l-mewt tal-inkwilina. Jissottomettu li l-intimat ghamel zmien konsiderevoli jipprova jirranga ma' martu izda eventwalment isseparaw bonarjament fis-sena 2002. Skont ir-rikorrenti dan ifisser li l-intimat ma kienx ghadu b'mod deciz u bi hsieb ta' permanenza jittrasferixxi r-residenza ordinarja tieghu fil-

[15] Kontro-ezami a fol 79-84

fond in mertu. Ghaldaqstant ir-residenza tieghu kienet wahda "*kazwali jew saltwarja jew ghal mera kumdita' ahjar."* (**Dr John Agius MD vs Marlene Copperstone**).

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza **Bonello vs Dimech** deciza mill-Appell Inferjuri fit-28 ta' Marzu, 2007 fejn wara li ghamlet referenza ghas-sentenza **Nazzareno Cutajar vs Carmela Quirolo noe et** (Appell Civili, 1 ta' Dicembru 1961) qalet *"fil-fehma tal-Qorti l-mozzjoni tal-konvivenza li jissugerixxu dawk il-kliem necessarjament tippostola stabbilita' tal-hajja domestika mill-membru tal-kerrej imposta fuqu mill-bzonn jew in-necessita', u allura huwa minnufih eskluz kull tip ta' okkazzjonalita' jew saltwaljita`".*

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti, mill-evalwazzjoni tal-provi, ghalkemm l-intimat jaqa' fid-definizzjoni ta' *membru tal-familja* ghall-fini tal-artikolu 2 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, mhix konvinta li gie ppruvat minnu li l-fond kien *'permanently his ordinary residence'* skont l-interpretazzjoni moghtija mill-Qrati taghna fil-gurisprudenza succitata, kwindi m'ghandux jigi konsidrat li ssubentra bl-operat tal-ligi fit-titlu lokatizju minflok ohtu.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici jimmeritaw konferma billi tqies li l-istess intimat qed jokkupa l-fond minghajr ebda titlu validu fil-ligi.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-fond in

mertu minghajr ebda titolu validu fil-ligi, tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat, u kwindi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat jizgombra mill-fond Flat 1, Albert Flats, Giorgio Mitrovich Street, Msida, f'terminu perentorju ta' tliet (3) xhur mil-lum.

**L-ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Frar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar 2018**